# Objettivi tar-Riżorsi tat-Tagħlim

**Ir-riżorsi tat-tagħlim online ta' Dar l-Istorja Ewropea:**

**Skopri l-messaġġi ewlenin ta' Dar l-Istorja Ewropea**
Is-sede ta' Dar l-Istorja Ewropea tinsab Brussell iżda kompitu tagħha huwa dak li tilħaq pubbliku usa' fuq skala Ewropea u dinjija. Ir-riżorsi tat-tagħlim online jiżvolġu rwol fundamentali biex iħallu lill-għalliema u lill-istudenti tal-Ewropa kollha jiskopru u jinvolvu ruħhom fil-kontenut ta' Dar l-Istorja Ewropea mingħajr ma jkollhom neċessarjament iżuru l-mużew. It-temi ttrattati fil-mużew huma eżaminati aktar fir-riżorsi tat-tagħlim permezz ta' approċċ kritiku u transnazzjonali li juża eżempji Ewropej u globali.

**Adotta approċċ interdixxiplinari**
Ir-riżorsi tat-tagħlim huma maħsuba u prodotti b'tali mod li jinżlu tajjeb ma' firxa wiesgħa ta' għalliema li jaħdmu bis-suġġetti tal-istorja, l-istudji kulturali, iċ-ċittadinanza, is-soċjoloġija, il-mezzi tal-komunikazzjoni u l-ġeografija. L-elementi fi ħdan it-taqsimiet individwali huma flessibbli biex b'hekk l-għalliema jkunu jistgħu jagħżlu skont il-preferenzi tagħhom.

**Ibda bis-sitwazzjoni jew bil-problema kontemporanja**
Il-premessi li jagħmlu l-istudenti bħal "għaliex hu importanti għalija?", "għaliex ikolli nitgħallmu dan?" huma l-punt tat-tluq ta' ħidmet l-edukatur ta' Dar l-Istorja Ewropea. Dan huwa marbut b'mod strett mal-kunċett edukattiv ta' "scaffolding", skont liema jeħtieġ li ssir rabta mal-assjem tal-għarfien u tal-esperjenzi eżistenti ta' kuljum tal-istudenti qabel ma jkunu ppreżentati b'kunċetti aktar kumplessi.

**Uża l-kuntesti storiċi biex issostni l-kwisjonijiet/problemi kontemporanji**
Billi l-enfasi hija fuq id-dinja kontemporanja u l-kwistjonijiet futuri, jintużaw l-għejun tal-istorja biex isostnu lill-istudent fil-mod ta' kif iħares lejn kif il-ġrajjiet jew il-fenomeni, xi kultant, għandhom għeruq aktar fondi fil-passat. L-aspett storiku jintuża bħala eżerċizzju li bis-saħħa tiegħu jitqabblu x-xenarji preżenti, bil-għan li jingħata kuntest usa' permezz ta' riżorsi differenti. L-eżempji storiċi se joffru wkoll sens ta' "distanza" fl-analiżi ta' suġġetti sensittivi.

**Offri diskussjoni ġenerali dwar diversi temi**
L-approċċ ibbażat fuq temi fil-konfront tat-tagħlim f'Dar l-Istorja Ewropea jfisser li l-approċċ tagħna jopera b'mod wiesa' fuq diversi temi, pjuttost milli jifli qasam speċifiku ta' studju fl-istorja li jista' jiġi eżaminat fil-klassi jew fi ktieb tal-iskola. L-użu kritiku u transnazzjonali tal-eżempji u tar-riżorsi jimmira li jinfluwenza l-għalliema individwali f'termini ta' diversifikazzjoni tal-metodi ta' tagħlim ta' qasam speċifiku ta' studju lil hinn mill-kwistjonijiet purament nazzjonali.

**Iffavorixxi approċċ li bih l-istudenti jagħtu sens huma nfushom**
It-tagħlim ta' Dar l-Istorja Ewropea jimmira li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi għas-seklu XXI, jiġifieri jifforma studenti kunfidenti kapaċi jkunu kritiċi u jaħsbu b'mod indipendenti. Dan ifisser li r-riżorsi tagħna għandhom jgħinu lill-istudenti jirriflettu, jitħaddtu, iqabblu u japplikaw dak li jiskopru f'kuntesti oħrajn.